MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 439/2005

**Joseph (karta ta' l-identita` numru 435345 (M)) u Marianne (karta ta' l-identita` numru 10077645 (M)) konjugi Grech, Joseph (karta ta' l-identita` numru 257050 (M)) u Anna (karta ta' l-identita` numru 466150(M)) konjugi Schembri, Joseph (karta ta' l-identita` numru 308920 (M)) u Felicia (karta ta' l-identita` numru250126 (M)) konjugi Cremona, Malcolm (karta ta' l-identita` numru 366569 (M)) u Jacqueline (karta ta' l-identita` numru 299764 (M)) konjugi St. John, Dr. Joseph Ellis (karta ta' l-identita` numru 21763 (G)) u martu Dr. Gloria Lauri-Lucente (karta ta' l-identita` numru 122959 (M))**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata l-10 ta' Mejju, 2005, li permezz taghha l-atturi sintetikament esponew is-segwenti:

1.1 Illi l-atturi huma lkoll residenti fi Triq Don Mawru Inguanez, Birkirkara;

1.2 Illi z-zona fejn l-atturi huma residenti inbniet bhala zona ta' vilel kif ikkonfermat mill-abbozz ta' Pjan Lokali relattiv;

1.3 Illi ghalhekk mhux suppost li jigi sancit zvilupp f'din iz-zona sakemm dan ma jkunx ta' vilel jew "*bungalows*";

1.4 Illi tramite l-Kummissjoni ghall-Kontroll ghall-Izvilupp fi hdan l-Awtorita` konvenuta giet approvata applikazzjoni ghat-twaqqiegh ta' zewg (2) fondi fit-triq fuq imsemmija, (ara paragrafu wiehed punt wiehed, (1.1), aktar qabel), ghall-bini minflok ta' blokk t'appartamenti, mezzanin u garaxxijiet;

1.5 Illi l-approvazzjoni *de quo* imsemmija fil-paragrafu precedenti tmur kontra bosta "*policies*" tal-Pjan ta' Struttura u tal-imsemmi Pjan Lokali, (ara paragrafu wiehed punt tnejn, (1.2), aktar qabel);

1.6 Illi l-atturi naqsu milli jipprotestaw ghall-applikazzjoni fit-terminu preskritt mill-Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-avviz imwahhal fuq is-sit tnehha immedjatament mill-applikant jew minn terzi;

1.7 Illi *di piu*, l-atturi wkoll ma setghux jappellaw min din id-decizjoni ghall-Kontroll ghall-izvilupp quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-ippjanar imwaqqaf bil-Kap 356 fuq riferit;

1.8 Illi ghalhekk l-atturi gew privati minn kull rimedju fuq din l-applikazzjoni ghall-izvilupp;

1.9 Illi d-decizjoni tal-Kummissjoni riferita aktar qabel, (ara paragrafu numru wiehed punt erbgha, (1.4), aktar qabel), ittiehdet meta din l-istess Kummissjoni ma kienitx kostitwita skont il-ligi;

1.10 Illi anke jekk l-atturi kellhom rimedju t'appell quddiem il-Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar, dan il-Bord ma jistax jigi meqjus bhala "awtorita gudikanti" jew tribunal indipendenti kif jitlob l-artiklu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 (1) ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-membri tieghu ma jgawdux minn hatra indeterminata imma jigu mahtura ghal perjodu ta' tlett (3) snin u huma suggetti ghal riappuntament a bazi ta' decizjoni ministerjali;

1.11 Illi l-approvazzjoni tal-izvilupp in kwistjoni mill-Awtorita` konvenuta, barra li injorat totalment il-precetti li suppost jorbtu lill-istess Awtorita` re l-approvazzjoni ta' permessi ghall-izvilupp, jilledi bil-kbir id-drittijiet proprjetarji tal-atturi u jikkagunawlhom danni ingenti stante li iz-zona in kwistjoni ser issofri deterjorament qawwi minhabba l-izvilupp li mhux kompatibbli mal-karatteristici tal-istess zona u minhabba zieda fil-hsejjes u fit-traffiku, li jinfluwixxu negattivament fuq il-valur tal-proprjeta` taghhom;

1.12 Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex l-Awtorita` konvenuta jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1.12.1. Prevja okkorrendo dikjarazzjoni li l-Bord ta' Appell dwar l-ippjanar mhux tribunal indipendenti w imparzjali kif dispost mill-Kostituzzjoni u mill-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.12.2. Prevja okkorrendo dikjarazzjoni li d-decizjoni mehuda mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp rigward l-applikazzjoni PA 3995/03 ittiehdet minn Kummissjoni mhux kostitwita kif jiddisponi l-Kap 356 tal-istess Ligijiet ta' Malta;

1.12.3.Tiddikjara li l-permess tal-approvazzjoni tal-applikazzjoni bin-numru PA 3995/03 l-Awtorita` konvenuta agixxiet *ultra vires* stante li bbazat id-decizjoni taghha fuq konsiderazzjonijiet zbaljati u li jmorru kontra l-ligi u l-Awtorita` konvenuta wkoll injorat il-“*policies*” li jivvinkolawha;

1.12.4. Tannulla d-decizjoni tal-Awtorita` konvenuta rigwardanti l-applikazzjoni numru PA 3995/03;

1.12.5. Illi *di piu`*, tillikwida d-danni sofferti mill-atturi bhala konsegwenza ta’ l-agir illegali tal-Awtorita` konvenuta;

1.12.6. Tikkundanna lill-Awtorita` konvenuta thallas id-danni hekk likwidati lill-atturi;

1.12.7. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess citazzjoni promotrici kontra l-Awtorita` konvenuta;

2.0. Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-8 ta’ Gunju, 2005, li permezz taghha l-Awtorita` konvenuta eccepiet sintetikament is-segwenti:

2.1. Illi t-talbiet attrici huma infondati u ghandhom jigu michuda stante li din il-qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni tisma’ din il-kawza u dan, *a tenur* tas-subartiklu (4) ta’ l-artiklu 469 A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2.2. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu dikjarati nulli stante li vagi u ma jissodisfawx il-kriterji tal-artiklu 156 tal-Kap 12 fuq riferit;

2.3. Illi fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li inveritjeri;

2.3.1. Illi c-citazzjoni *de quo* saret wara li l-atturi tilfu zewg mandati t’inibizzjoni numri 140/05 u 18/05 indirizzati kontra l-Awtorita` konvenuta biex ma tiddecidix l-applikazzjoni PA 3995/03;

2.3.2. Illi sussegwentement, wara c-cahda tal-istess, l-atturi ppruvaw jaghmlu mandat iehor f’Ghawdex peress li

wiehed mill-atturi jirrisjedi Ghawdex, izda dan ukoll gie michud;

2.3.3. Illi jkun ghalhekk opportun li l-atti tal-imsemmija mandat jigu allegati ma’ din il-procedura;

2.3.4. Illi l-permess PA 3995/03 kien gie effettivament appellat mill-istess atturi u fl-istadju tal-prezentata tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet kien ghadu *sub judice* quddiem tribunal indipendenti u imparzjali u li hu entita` kompetenti jiddeciedi kwistjonijiet bhal dawn;

2.4. Illi rigward l-ewwel talba attrici, (ara paragrafu numru wiehed punt tnax punt wiehed, (1.12.1.), aktar qabel), din tirrigwarda rimedju kostituzzjonali u ghalhekk ma tistax tigi mitluba fil-Prim’Awla;

2.5. Illi *di piu`*, l-istess talba indirizzata fil-paragrafu precedenti hi vaga stante li l-allegazzjoni attrici li l-Kummissjoni ma kienitx kostitwita kif suppost ma gietx korraborata la fl-istess talba u lanqas fil-premessi, bil-konsegwenza li l-Awtorita` konvenuta ma tistax tiddefendi ruhha sew fil-konfront tal-istess talba;

2.6. Illi t-talba attrici rigwardanti d-danni, apparti li vaga wkoll peress li fil-premessi attrici ma ssemma’ xejn fir-rigward, ma jistghux jigu diretti kontra l-Awtorita` konvenuta stante li l-atturi ma garrbu l-ebda danni minhabba l-agir tal-istess Awtorita` u, kemm –il darba dawn setghu garrbu xi danni, dawn ghandhom jigu indirizzati kontra l-persuna li taghmel ix-xoghlijiet fil-vicinanzi taghhom u li favur tieghu inhareg il-permess in dizamina u mhux kontra l-Awtorita` konvenuta;

2.7. Illi ghalhekk it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2.8. Salv eccezzjonijiet ohra;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datata l-31 t’Ottubru, 2005, li permezz tieghu ordnat li l-eccezzjonijiet

preliminari jigu trattati u decizi flimkien mal-mertu, (ara fol 20);

4. Rat it-talba tal-atturi datata l-14 ta' Frar, 2007, li permezz taghha talbu l-prova li l-Perit Legali li halef in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Awtorita` konvenuta kien debitament awtorizzat jaghmel dan, (ara fol 40);

5. Rat il-verbal tal-attrici Maria Felicita Cremona datat ukoll l-14 ta' Frar, 2007, li permezz tieghu iddikjarat li ma ghadx ghandha interess f'din il-kawza, (ara fol 41);

6. Rat in-nota tal-abbli rapprezentant legali tal-Awtorita` konvenuta datata t-28 ta' Frar, 2007, li permezz taghha ipprezentat kopja tad-decizjoni tal-Bord tal-istess Awtorita` datata t-2 ta' Novembru, 1995, li permezz taghha l-Awtorita` *de quo* iddecidiet li r-rapprezentanza gudizzjarja taghha tkun ukoll vestita fil-prokuratur legali taghha – l-istess wiehed li halef in-nota tal-eccezzjonijiet in dizamina, (ara fol 50 u 52);

7. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-23 ta' Mejju, 2007, li permezz tieghu innominat assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara fol 69);

8. Rat id-digriet taghha wkoll diversament preseduta datat l-4 ta' Marzu, 2009, li permezz tieghu issostitwiet lill-assistent gudizzjarju riferita fil-paragrafu precedenti, (ara fol 177);

9. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-26 ta' Mejju, 2011, li permezz tieghu regghet issostitwiet lill-assistent gudizzjarju, (ara fol 196);

10. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-atturi datat it-12 ta' Jannar, 2012, li permezz tieghu informa lill-qorti kif issa preseduta li l-provi kollha kienu migbura u kien issa jonqos biss it-trattazzjoni, (ara fol 339);

11. Rat ukoll id-digriet taghha tal-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, li wara talba appozita awtorizzat li t-trattazzjoni ssir bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 339);

12. Rat l-estensjoni moghtija ghall-istess, datata l-5 ta' Gunju, 2012, (ara fol 342);

13. Rat in-nota tal-Awtorita` konvenuta datata s-16 t'Ottubru, 2012, (ara fol 345), u dik datata t-8 ta' Mejju, 2013, (ara fol 361);

14. Rat il-verbal datat is-16 ta' Mejju, 2013, ghall-udjenza rizervata ghat-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti fejn jirrizulta li dak tal-atturi addirittura ma deherx u dak tal-Awtorita` konvenuta irrimetta ruhu ghan-nota minnu ipprezentata;

15. Rat in-nota tal-atturi datata l-24 ta' Mejju, 2013, li permezz taghha annetta n-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess, (ara fol 370);

16. Rat id-dokumenti kollha esebiti inkluz il-*file* tal-Awtorita` konvenuta rigwardanti l-meritu in dizamina, (ara fol 194);

17. Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta u mill-assistenti gudizzjarji nominati;

Ikkunsidrat:

18. Illi nonostante li din il-qorti irriskontrat xi *lacuni* fid-dokumentazzjoni tal-process in dizamina peress li l-partijiet kontendenti komplew bil-procedura u xorta ghazlu li jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom, din il-qorti mhix ser taghti lok ghal dilungar inutili iehor, u qed tiehu l-istess bhala ekwivalenti ghal dikjarazzjoni tal-kontendenti li xorta jridu jkomplu bil-procedura *de quo* minkejja dan il-vojt riskontrat;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi rigward l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-Awtorita` konvenuta, jinghad sintetikament is-segwenti:

19.1. **Nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-qorti odjerna:**

19.1.1. Illi din l-eccezzjoni preliminari hi ibbazata fuq l-artiklu 469 A (4) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

19.1.2. Illi dan is-subartiklu jghid is-segwenti:

"Id-dispozizzjonijiet ta' dan l-artiklu ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut f'xi ligi ohra";

19.1.3. Illi l-iskop tal-procedura odjerna in effetti tittanta tattakka decizjoni tal-Awtorita` konvenuta li permezz taghha din approvat l-oghti tal-permess numru 3995/03;

19.1.4. Illi pero`, ghal dan l-iskop hu applikabbli l-Kap 356 tal-istess Ligijiet ta' Malta li jipprovdi espressament u esklussivament ghall-procedura specjali fir-rigward li permezz taghha wiehed jista' jappella mid-decizjonijiet tal-Awtorita` konvenuta fir-rigward;

19.1.5. Illi f'kaz li d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ghall-Izvilupp tigi ikkonfermata mill-Bord tal-Appelli *de quo*, l-istess ligi tipprovdi rimedju ulterjuri permezz tal-procedura ta' appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell, u dan, skont l-artiklu 15 (2) tal-istess Kap 356;

19.1.6. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-qorti odjerna mhix munita bil-gurisdizzjoni necessarja biex tisma' u tiddeciedi l-vertenza odjerna;

19.1.7. Illi *di piu`*, jirrizulta ferm preokkupanti fir-rigward li ghalkemm l-atturi jsostnu li ma setghux jaderixxu quddiem il-Bord tal-Appelli *de quo ai termini* tal-Kap 356 fuq riferit, (ara paragrafi numri wiehed punt sitta, (1.6), u wiehed punt sebgha, (1.7), aktar qabel), jirrizulta li l-atturi kienu konsapevoli tal-avviz dwar l-applikazzjoni tal-izvilupp;

19.1.8. Illi l-inattivita` taghhom fir-rigward hi dovuta esklussivament ghal nuqqas imputabbli lilhom;

19.1.9.Illi l-avviz *de quo* kien debitament imwahhal skont il-ligi fis-sit in dizamina u anke kien ippubblikat kif dovut fil-gazzetta ta' kuljum, (ara fol 270 u ritratt tal-istess a fol 273);

19.1.10. Illi ghalhekk l-inattivita` tal-atturi ma tistax tigi imputata lill-Awtorita` konvenuta u l-atturi ghandhom ghalhekk jassumu responsabbilita` ghall-istess;

19.1.11. Illi s-suespost qed jinghad ukoll fid-dawl tal-insenjament tas-sentenza fl-ismijiet **Kunsill Lokali Marsascala et vs L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et, datata d-29 ta' Novembru, 2012**;

19.1.12. Illi *di piu`*, kontra dak affermat mill-atturi, jirrizulta li effettivament kienet ukoll giet intavolata oggezzjoni minn Carmel u Alfrida Camilleri ghall-izvilupp ippjanat in dizamina;

19.1.13. Illi in oltre, tali oggezzjoni turi bl-aktar mod limpidu li l-Awtorita` konvenuta ottemporat ruhha mal-obbligi statutorji imposti fuqha u ippublicizzat, kif dovut, l-izvilupp *de quo*;

19.1.14. Illi in vista tas-suespost, tiddikjara li m'ghandhiex gurisdizzjoni li tisma' u tiddeciedi l-procedura odjerna;

19.2. **L-Bord tal-Appell mhux awtorita` gudikanti jew tribunal indipendenti;**

19.2.1.Illi effettivament il-lanjanza in dizamina hi wahda ta' natura kostituzzjonali;

19.2.2. Illi konsegwentement ghandu jinghad li strettament din il-qorti, fil-kwalita` prezenti taghha m'ghandha l-ebda gurisdizzjoni jew awtorita` fir-rigward;

19.2.3. Illi ghalhekk tali lanjanza kellha tigi indirizzata;

19.2.3.i. Jew b'rikors *ad hoc* quddiem din il-qorti fil-kwalita` kostituzzjonali taghha;

19.2.3.ii. Jew billi ssir talba specifika ghal referenza kostituzzjonali fir-rigward;

19.2.4. Illi nonostante li dawn iz-zewg (2) alternattivi huma ovvji, l-atturi ghazlu li ma jindirizzaw l-ebda wahda minnhom u jikkuntentaw biss mill-fatt li jizirghu l-insinwazzjoni izda ma jippersegwuwiex;

19.2.5. Illi ghalhekk, stante li din il-qorti, fil-kwalita` prezenti taghha, m'ghandhiex gurisdizzjoni tintervjeni fir-rigward, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess;

Ikkunsidrat:

20. Illi in vista tas-suespost ghandu jkun pacifiku li jkun verament kontradittorju li filwaqt li gie ddikjarat li m'ghandha l-ebda gurisdizzjoni tisma' u tiddeciedi l-vertenza odjerna ghar-ragunijiet molteplici fuq indikati, tkompli billi tepura l-meritu tal-kawza odjerna;

**DECIDE:**

21.0. Illi ghaldaqstant, f'dan l-istadju, qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-procedura odjerna, u in vista tal-premess:

21.1. Tilqa' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Awtorita` kompetenti, u tiddikjara li *a tenur* tal-artiklu 469 A tal-Kap 12 fuq riferit, m'ghandhiex gurisdizzjoni tisma' din il-kawza, u ghalhekk qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

21.2. Bl-ispejjez kontra l-atturi;

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------